MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Numru 409/2001

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Jeffrey Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Jeffrey Busuttil ta' 25 sena bin France u Grace nee' Barbara imwieled Pieta' fil-25 ta' Frar, 1976 u residenti 2, 'B', Hilltop Flats, Triq is-Sliem, M'Scala detentur ta' karta ta' identita numru 168076(M) akkuzat talli:

1. fl-14 ta' Marzu 2001 ghal habta ta' xi 8.15p.m. fil-Belt, Valletta, ikkommetta serq ta' money box li kien fiha Lm448 fi flus kontanti u fax machine tal-marka 'Ricoh' li l-valur taghha huwa ta' madwar Lm150 (mija u hamsin lira maltin) mill-fond Nru. 143 'RTB Resorts Travel Agency',

ghad-dannu tad-Diretturi ta' M. Demajo Holdings Limited, liema serq kien aggravat bill-mezz, hin u ammont u dan bi ksur tal-artikoli 261(b), (c), (f); 263(a); 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-proprjeta tal-fond fuq imsemmi, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 (hamsin lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu tad-Diretturi fuq imsemmija u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. f'dawn l-ahhar xhur kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini prikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licencja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. b'hekk sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Lulju 1999 u fl-20 ta' Lulju 1999 (Magistrat Dr. Noel Cuschieri LL.D.).

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat l-ammissjoni tal-imputat li ippersista fiha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jahsibha.

Ikkunsidrat:

Fuq l-ammissjoni tal-imputat liema ammissjoni hija volontarja u nkondizzjonata issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti.

Ikkunsidrat li l-imputat irrikonoxxa li hu zbalja u l-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tiddubita li l-imputat tghallem mill-izball tieghu.  Oltre dan jirrizulta mill-provi li l-imputat irriabilita ruhhu.

Rat ghalhekk l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap 101, ukoll r-regolament 8 tal-A.L. 292/1939 u tiddeciedi li tilliberah taht l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u filwaqt li tordnalu ufficjal tal-probation tpoggih ghall-tlett snin biex joqghod taht ufficjal tal-probation.

--------------------------------TMIEM--------------------------------